Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2003

Numru 528/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marthese Micallef)**

**vs**

**Paul Debattista**

**Seduta tal-lum 22 ta' Ottubru, 2003.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Paul Debattista ta' 45 sena, bin Francis u Giorgia *nee'* Said, imwieled Qormi fit-13 ta' Settembru, 1957, residenti 71, Loreta House, Triq Guze' Ellul Mercer, Dingli, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 653057M

Akkuzat talli bejn it-22 ta' Jannar, 2001, fil-fond 71, Loreta House, Triq Guze' Ellul Mercer, Dingli, bhala detentur tal-

imsemmi fond jew bhala persuna li ghandek f'idejk l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

(1) ikkomettejt serq ta' kurrent ta' l-elettriku li jammonta ghall-izjed minn Lm 50 u anqas minn Lm 1000 (Lm 54.24) ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq huma kkwantifikat bil-mezz, hin u valur.
(2) Ghamit hsara jew ksirt parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom (hsara stmata Lm25)

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi bil-gurament u rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi fil-kaz in disamina l-imputat ressaq
bizzejjed provi sabiex iwarrab il-presunzjoni li hemm kontra tieghu fi procedura bhal din odjerna. Kien l-istess imputat li rraport l-meter tal-elettriku de quo u dan wara li hu kien xtara l-fond minghad terzi u li kien beda joqghod fih fl-istess guranta tal-kuntratt ta' akkwist. Dan ghamlu ghaliex kien qed jircievi kontijiet ferm akbar minn meta kien joqghod post iehor u dna minkejja li kellu appart tal-elettriku anqas fil-post il-gdid. L-imputat irraguna li b'anqas konsum ghandu jhallas anqas milli kien ihallas qabel. Minekjja dan irrizulta minnu li l-meter kien imbghabas u minkejja dan id-dbghabis, il-konsum kien jirregistra gholi.

Il-Qorti hi tal-fehma li mill-assjem tal-provi l-imputat ma ghamilx dak lilu adebitat, liema actus seta sar mill-persuni li kienu jokkupaw il-fond precedentement.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------